Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

tal-21 ta' Jannar ta' l-1976

fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel

(76/211/KEE)

(ĠU L 46 , 21.2.1976, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru, 1978	L 311	21	4.11.1978

▼B

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Jannar ta' l-1976

fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prekondizzjonament bil-piż jew bil-volum ta' ċerti prodotti f'imballaġġ minn qabel

(76/211/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropeja, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi f'ħafna mill-Istati Membri l-kondizzjonijiet għall-bejgħ ta' prodotti f'imballaġġ minn qabel huma soġġetti għal regolamenti mandatarji li huma differenti minn Stat Membru għall-iehor, b'hekk ifixklu n-negozju ta' l-imballaġġ minn qabel; billi dawn id-dispożizzjonijiet għandhom b'hekk jiġu approssmati;

Billi, sabiex jgħin il-konsumaturi li jkunu infurmati sew, il-metodu ta' mmarkjar fuq l-imballaġġ minn qabel l-użin nominali jew volum tal-prodott fl-imballaġġ minn qabel, għandu jiġi ppreżentat;

Billi hu neċessarju li jkun speċifikat li l-iżbalji tollerabbli negattivi fil-kontenut ta' l-iimballaġġ lest u billi metodu ta' referenza għal tali kontroll għandu jiġi mfisser sabiex jipprovdi metodu sempliċi li jassigura li l-imballaġġ minn qabel jikkonforma mad-dispożizzjonijiet mniżżla;

Billi l-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 71/316/KEE tas-26 ta' Lulju ta' l-1971 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jittrattaw dispożizzjonijiet komuni għaż-żewġ strumenti tal-kejl u metodi ta' kontroll metroloġiku ([3]), kif l-aħħar emendat permezz ta' l-Att ta' Adeżjoni ([4]), jipprovdi li l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti għal *marketing* ta' ċerti prodotti, b'mod partikolari dak li jirrigwarda l-kejl u l-immarkar ta' kwantitajiet f'imballaġġ minn qabel, jistgħu jkunu koperti permezz ta' Direttivi separati;

Billi bidla daqshekk malajr fil-mod ta' determinazzjoni ta' kwantità stabbilita mil-legiżlazzjoni nazzjonali tagħhom u l-organizzazzjoni ta' sistemi ta' kontroll ġodda kif ukoll l-adozzjoni ta' sistema ta' miżuri ġodda jippreżentaw diffikultajiet għal ċerti Stati Membri, perjodu transitorju għandu jingħata għal dawn l-Istati Membri; billi tali dispożizzjoni m'għandiex, iżda, tkompli tfixkel in-negozju ġewwa l-Komunità għal prodotti kkonċernati u ma għandix tippreġudika l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri oħra,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tirrigwarda l-imballaġġ minn qabel ta' prodotti ħlief dawk imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE tad-19 ta' Diċembru ta' l-1974 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-preparazzjoni permezz ta' volum ta' ċerti likwidi f'imballaġġ minn qabel ([5]), u li huma intenzjonati għal bejgħ f'kwantitajiet ta' unità kostanti nominali li huma:

— ugwali għal valuri diġa determinati minn min jippakkja,

— espressi f'unitajiet ta' użin jew volum,

([1]) ĠU Ċ 48, 25.4.1974, p. 21
([2]) ĠU Ċ 109, 19.9.1974, p. 16.
([3]) ĠU L 202, 6.9.1971, p. 1.
([4]) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.
([5]) ĠU L 42, 15.2.1975, p. 1.

▼B

— mhux inqas minn 5g jew 5ml u mhux iktar minn 10 kili jew 10 l.

Artikolu 2

1. Imballaġġ lest fid-definizzjoni ta' din id-Direttiva hi l-għaqda ta' prodott u l-imballaġġ individwali li fih hu f'imballaġġ minn qabel.

2. Prodott hu f'imballaġġ minn qabel meta hu mqieghed f'pakkett ta' kwalunkwe għamla mingħajr ma x-xerrej ikun preżenti u l-kwantità ta' prodott fil-pakkett għandu valur diġa determinat u ma jistax jinbidel mingħajr ma' l-pakkett jew jinfetaħ jew ikum hemm modifikazzjoni perċetibbli.

Artikolu 3

1. Il-pakketti f'imballaġġ minn qabel li jistgħu jkollhom il-marka ta' l-KEE speċifikata f'sezzjoni 3.3 ta' l-Anness I huma dawk li jikkonformaw ma' din id-Direttiva u ma' l-Anness I hawn imniżżla.

2. Huma għandhom ikunu soġġetti għal kontroll metroloġiku taħt il-kondizzjonijiet imfissra fl-Anness I, sezzjoni 5 u f'L-Anness II

Artikolu 4

1. Il-pakketti f'imballaġġ minn qabel msemmija fl-Artikolu 3 għandhom, ma' l-Anness I, jkollhom indikazzjoni ta' l-użin jew volum tal-prodott, magħruf bħala 'użin nominali' jew 'volum nominali', li huma rikjesti li jkollhom.

2. Imballaġġ lesti ta' prodotti ta' likwidi għandhom ikunu mmarkati bil-volum nominali u pakketti pakkeġjati lesti ta' prodotti oħra għandhom jkunu mmarkati bl-użin nominali, ħlief fil-każ ta' prattika tal-kummerċ jew regolamenti nazzjonali li jipprovdu xort'ohra u li huma identiċi fl-Istati Membri kollha, jew fil-każ ta' regoli tal-Komunità kontrarji.

3. Jekk prattika tal-kummerċ jew regolamenti nazzjonali m'humiex l-istess fl-Istati Membri kollha għal kategorija ta' prodotti jew għal tip ta' imballaġġ lest, dak l-imballaġġ lest għandu juri mill-inqas l-informazzjoni metroloġika li tikkorrispondi għal prattika tal-kummerċ jew regolamenti nazzjonali fil-pajjiż ta' destinazzjoni.

4. Sakemm jiskadi il-perjodu transitorju fejn l-użu tal-unitajiet imperjali tal-kejl li jidhru fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 71/354/KEE tat-18 ta' Ottubru ta' l-1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jittrattaw il-unitajiet ta' miżuri ([1]), kif emendat permezz ta' l-Att taa Adeżjoni, hu awtoriżżat fil-Komunità, l-indikazzjoni ta' l-użin nominali u/jew volum nominali tal-kontenut espressi f'unitajiet SI ta' skond is-sezzjoni 3.1 ta' l-Anness I ta' din id-Direttiva għandha, jekk l-Ingilterra jew l-Irlanda hekk tixtieq, tkun akkumpanjata fuq it-territorji nazzjonali tagħhom, permezz ta' indikazzjoni tal-valur ekwivalenti f'unitajiet imperjali ta' miżuri (UK), ikkalkulat fuq il-bażi tal-fatturi ta' konverżjoni segwenti:

1 g = 0.0353 uqijiet (avoirdupois),

1 kg = 2 205 libbri

1 ml = 0.0352 uqijiet fluwidi,

1 l = 1 760 pinti jew 220 glalen.

Artikolu 5

L-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirristringu t-tqiegħed fis-suq ta' imballaġġ lest li jissodisfa r-rekwiżiti u t-testijiet preskritti f'din id-Direttiva għal raġunijiet li jikkonċernaw il-marki rekwiżiti li jinstabu f'dan l-imballaġġ minn qabel skond din id-Direttiva, id-determinazzjoni tal-volum jew użin tagħhom, jew il-metodi li permezz tagħhom huma tkejlu jew ġew ivverifikati.

([1]) ĠU L 243, 29.10.1971, p. 29.

▼B

Artikolu 6

L-emendi neċessarji biex ikunu adattati l-ħtiġiet ta' l-Anness I u II ta' din id-Direttiva għal progress tekniku għandu jkun adottat skond il-proċedura preskritta fl-Artikoli 18 u 19 tad-Direttiva 71/316/KEE.

Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien 18-il xahar min-notifika tagħha u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, il-Belġju, l-Irlanda, l-Olanda u l-Ingilterra jistgħu jiddiferixxu l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-Anness tagħha sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' l-1979.

3. Waqt il-perjodu meta d-Direttiva ma tkunx qiegħda topera fi Stat Membru, dak l-Istat Membru ma għandux jintroduċi miżuri ta' kontroll iktar iebsa rigward il-kwantita' li hemm fl-imballaġġ minn qabel kopert minn din id-Direttiva u li ġej minn Stati Membri oħra minn dawk fis-seħħ meta d-Direttiva ġiet adottata.

4. Matul l-istess perjodu, l-Istati Membri li implimentaw id-Direttiva għandhom jaċċettaw dawk l-imballaġġ minn qabel ġejjin minn Stati Membri li jibbenefikaw mid-deroga provduta fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jikkonforma ma' sezzjoni 1 ta' l-Anness I, anke jekk ma għandhomx is-sinjal KEE fuqhom li hi msemmija f'sezzjoni 3.3 ta' l-Anness I, fuq l-istess bażi u taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dak l-imballaġġ minn qabel li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tad-Direttiva.

5. Il-verifiki provduti fl-Anness I, sezzjoni 5 għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni meta l-imballaġġ minn qabel immanifatturat barra l-Komunità huwa importat fit-territorju tal-Komunità fi Stat Membru li għadu ma implimentax id-Direttiva skond dan l-Artikolu.

6. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva huma kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

1. GĦANIJIET

Imballaġġ minn qabel kopert permezz ta' din id-Direttiva għandhu jkun magħmul b'tali mod li l-pakketti kompluti jissodisfaw l-ħtiġiet li ġejjin;

1.1. il-kontenuti attwali ma għandhomx ikunu inqas, b'medja, mill-kwantità nominali;

1.2. il-proporzjon ta' l-imballaġġ minn qabel li għandu żball negattiv ikbar mill-iżball negattiv tollerabli stabbilit f'2.4 għandu jkun suffiċjentement żgħir għal gruppi ta' imballaġġ minn qabel sabiex jisoddisfa r-rekwiziti tat-testijiet speċifikati fl-Anness II;

1.3. l-ebda imballaġġ lest li għandu żball negattiv ikbar minn darbtejn l-iżball negattiv tollerabli mogħti fil-lista f'2.4 ma jista' jkollu s-sinjal tal-KEE fuqu provdut f'3.3.

2. DEFINIZZJONIJIET U DISPOSIZZJONIJIET BAŻIĊI

2.1. Il-kwantità nominali (użin nominali jew volum nominali) tal-kontenuti ta' pakkett lest hu l-użin jew volum indikat fuq l-imballaġġ minn qabel, jiġifieri l-kwantità tal-prodott li l-imballaġġ hu maħsub li jikkontjeni.

2.2. Il-kontenuti attwali ta' l-imballaġġ minn qabel huma l-kwantità (użin jew volum) ta' prodott li fil-fatt jikkontjeni. Fl-operazzjonijiet kollha għal verifika ta' prodotti espressi f'unitajiet ta' volum, il-valur użat għal kontenuti attwali għandhom ikunu mkejla jew koreġuti f'temperatura ta' 20ºC, tkun li tkun it-temperatura f'liema isir l-imballaġġ jew il-verifika. Iżda, din ir-regola ma għandhiex tapplika għal prodotti surġelati jew iffriżati, li l-kwantitajiet tagħhom hija espressa f'unitajiet ta' volum.

2.3. L-iżball negattiv ta' imballaġġ minn qabel hu l-kwantità permezz ta' liema kontenuti attwali ta' l-imballaġġ minn qabel huma inqas mill-kwantità nominali.

▼M1

2.4. L-iżball negattiv tollerabbli fil-kontenut ta' pakkett għal-lest ikun iffissat bi qbil mat-tabella ta' hawn taħt:

Kwantità nominali Qn fi grammi jew millilitri	Żball negattiv tollerabbli	
	bħala % ta' Qn	g jew ml
5 sa 50	9	—
minn 50 sa 100	—	4.5
minn 100 sa 200	4.5	—
minn 200 sa 300	—	9
minn 300 sa 500	3	—
minn 500 sa 1 000	—	15
minn 1 000 sa 10 000	1.5	—

Meta tintuża t-tabella, il-valuri ta' l-iżbalji negattivi tollerabbli murija bħala perċentwali fit-tabella, ikkalkulati f'piż jew volum, għandhom ikunu mdawra sa l-eqreb deċimi ta' gramm jew millilitru.

▼B

3. ISKRIZZJONIJIET U MARKI

L-imballaġġ minn qabel kollu magħmul skond din id-Direttiva għandu jkollu fuq il-pakkett il-marki li ġejjin mwaħħla b'tali mod li ma jithassrux, jinqraw faċilment u viżibbli fuq l-imballaġġ minn qabel f'kondizzjonijiet normali ta' preżentazzjoni:

▼**M1**

3.1. il-kwantità nominali (piż nominali jew volum nominali) espressa f'kilogrammi, grammi litri, ċentilitri jew millilitri u mmarkata f'ċifri ta' l-inqas 6 mm għoli jekk il-kwantità nominali tkun ikbar minn 1,000 g jew 100 cl, 4 mm għoli jekk hija tkun minn 1,000 g jew 100 cl inkluż sa imma mhux inkluż 200 g jew 20 cl, 3mm għoli jekk tkun minn 200 g jew 20 cl sa iżda mhux inkluż 50 g jew 5 cl, 2 mm għoli jekk mhux iktar minn 50 g jew 5 cl, segwita bis-simbolu għall-kejl użat jew fejn xieraq mill-isem tal-kejl, bi qbil mad-Direttiva 71/354/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 76/770/KEE

immarkar f'kejl imperjali (Renju Unit) għandu jkun f'ittri u ċifri ta' dimensjonijiet mhux ikbar minn dawk ta' l-immarkar korrispondenti f'kejl SI;

▼**B**

3.2. marka jew iskrizzjoni li tippermetti d-dipartimenti kompetenti sabiex jiddentifikaw min jippakkja jew il-persuna li tirranġa għall-iimballaġġ jew l-importatur stabbilit fil-Komunità;

3.3 "e" żgħira, għall-inqas 3mm għolja, imqiegħda fl-istess pjan ta' viżjoni bħall-indikazzjoni ta' l-użin nominali jew volum nominali, li tikkonstitwixxi garanzija minn min jippakkja jew l-importatur li l-imballaġġ minn qabel jħares il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

Din l-ittra għandu jkollha l-għamla kif murija fit-tpinġija f'sezzjoni 3 ta' l-Anness II għad-Direttiva 71/316/KEE.

L-Artikolu 12 ta' din l-aħħar Direttiva għandha tapplika *mutatis mutandis*.

4. RESPONABBILITÀ TA' MIN JIPPAKKJA JEW IMPURTATUR

Min jippakkja jew l-impurtatur għandu jkun responsabbli sabiex jassigura li l-imballaġġ minn qabel jħares ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

Il-kwantità ta' prodott f'imballaġġ lest (jew kwantità ta' imballaġġ), magħruf bħala il-"kontenuti attwali", għandu jkun imkejjel jew ivverifikat permezz ta' l-użin jew volum fuq ir-responsabbilità ta' min jippakkja u/jew impurtatur. Il-kejl jew verifika għandu jsir permezz ta' strument ta' miżuri legali adattat biex isiru l-operazzjonijiet meħtieġa.

Il-verifika tista' ssir permezz ta' kampjuni.

Fejn il-kontenuti attwali mhumiex mkejla, il-verifika maħruġa minn min jippakkja għandu jkun hekk organizzat li l-kwantitàjiet tal-kontentui hu assigurat effettivament.

Din il-kondizzjoni hi mwettqa jekk min jippakkja joħroġ verifiki ta' produzzjoni skond il-proċeduri magħrufa mid-dipartimenti kompetenti fl-Istati Membri u jekk iżomm fid-dispożizzjoni ta' dawk id-dipartimenti d-dokumenti li jikkontjenu r-riżultati ta' tali verifika, sabiex jiċċertifikaw li dawn il-verifiki, flimkien ma' kwalunkwe korrezzjonijiet u aġġustamenti li dehru meħtieġa, saru korrettement u preċiżament.

Fil-każ ta' importazzjoni minn pajjiżi mhux fil-KEE, l-impurtatur jista' minnflok ma' jkejjel u jivverifika jipprovdi evidenza li hu fil-pussess tal-garanziji neċessarji kollha li jħalluh jassumi r-responsabbilità.

Fil-każ ta' prodotti f'kwantitajiet espressi f'unitajiet ta' volum, wieħed minn bosta metodi ta' tħaris tal-ħtiġiet ta' kejl u verifika hu li jintuża, fil-preparazzjoni ta' l-imballaġġ minn qabel, kontenitur ta' kejl tat-tip definit fid-Direttiva li tirriferi għalih, mimli taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'dik id-Direttiva u hawn imsemmi.

▼**M1**

5. KONTROLL LI GĦANDU JITWETTAQ MID-DIPARTIMENTI KOMPETENTI FIL-POST TA' MIN JIPPAKKJA JEW TA' L-IMPORTATUR JEW TA' L-AĠENT TIEGĦU STABBILIT FIL-KOMUNITÀ

Kontroll biex ikun assigurat li l-pakketti għal-lest ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq mid-dipartimenti kompetenti ta' l-Istati Membri b'teħid ta' kampjuni fil-post ta' min jippakkja jew, jekk dan mhux prattikabbli, fil-post ta' l-importatur jew ta' l-aġent tiegħu stabbiliti fil-Komunità.

Dan il-kontroll ta' l-istatistika tat-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq bi qbil mal-metodi aċċettati ta' spezzjoni ta' aċċettazzjoni ta' kwalità. L-effettività tiegħu għandha tkun komparabbli għal dik tal-metodu ta' riferenza speċifikat fl-Anness II.

Għalhekk rigward il-kriterju għall-kontenut minimu aċċettabbli, pjan ta' teħid ta' kampjuni użat minn Stat Membru għandu jitqies bħala komparabbli ma' dak rakkomandat fl-Anness II jekk l-*abscissa* tal-punt ordnat 0.10 tal-kurva

▼**M1**

karatteristika operattiva ta' l-ewwel pjan (probabbiltà ta' aċċettazzjoni tal-lott = 0.10) tiżvija b'inqas minn 15 % mill-*abscissa* tal-punt korrispondenti tal-kurva karatteristika operattiva tal-pjan ta' teħid ta' kampjuni rakkomandat fl-Anness II.

Rigward il-kriterju għall-medja kkalkulata bil-metodu normali ta' devjazzjoni, pjan ta' teħid ta' kampjuni wżat minn Stat Membru għandu jitqies bħala komparabbli ma' dak rakkomandat fl-Anness II jekk, waqt li jitqiesu l-kurvi karatteristiċi operattivi taż-żewġ pjani li jkollhom bħala *abscissa* assi

$\frac{Q_n - m}{s}$ (1)-*abscissa* tal-punt ordnat 0.10 tal-kurva ta' l-ewwel pjan (probabbiltà ta' aċċettazzjoni tal-lott = 0.10) tiżvija b'inqas minn 0.05 mill-abscissa tal-punt korrispondenti tal-kurva tal-pjan ta' teħid ta' kampjuni rakkomandat fl-Anness II.

▼**B**

6. VERIFIKI OĦRA MAĦRUĠA MID-DIPARTIMENTI KOMPETENTI

Din id-Direttiva ma għandix teskludi l-ebda verifika li jistgħu jinħarġu mid-dipartimenti kompetenti ta' l-Istati Membri f'kwalunkwe stat tal-proċess ta' *marketing*, b'mod partikolari b'għan ta' verifika li l-imballaġġ minn qabel jilħaq il-ħtiġiet tad-Direttiva.

L-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 71/316/KEE għandu japplika *mutatis mutandis*.

(1) m = il-medja effettiva tal-lott.

▼**M1**

ANNESS II

Dan l-Anness jistabbilixxi l-proċeduri tal-metodu ta' riferenza għall-kontroll ta' statistika ta' lottijiet gruppi ta' pakketti għal-lest biex jilħqu l-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva tat-Taqsima 5, l-Anness I ta' din.

1. KUNDIZZJONIJIET GĦAL KEJL TAL-KONTENUT EFFETTIV TA' PAKKETTI GĦAL-LEST

   Il-kontenut effettiv ta' pakketti għal-lest jistgħu jitkejlu direttament permezz ta' strumenti ta' użin jew ta' strumenti volumetriċi jew, fil-każ ta' likwidi, indirettament, bl-użin tal-prodott ippakkjat għal-lest u billi titkejjel id-densità tiegħu.

   Irrispettivament mill-metodu wżat, l-iżball magħmul fil-kejl tal-kontenut effettiv ta' pakkett għal-lest ma għandux jaqbeż wieħed minn ħamsa ta' l-iżball negattiv tollerabbli għall-kwantità nominali fil-pakkett għal-lest

   Il-proċedura għal kejl tal-kontenut effettiv ta' pakkett għal-lest tista' tkun soġġetta għal regolamenti domestiċi f'kull Stat Membru.

2. ĦTIĠIET GĦALL-KONTROLL TA' LOTTIJIET TA' PAKKETTI GĦAL-LEST

   Il-kontroll ta' pakketti għal-lest għandu jitwettaq b'teħid ta' kampjuni u għandu jkun f'żewġ partijiet:

   — kontroll li jkopri l-kontenut effettiv ta' kull pakkett għal-lest fil-kampjun,

   — kontroll ieħor fuq il-medja tal-kontenut effettiv tal-pakketti għal-lest fil-kampjun.

   Lott ta' pakketti għal-lest għandu jitqies aċċettabbli jekk ir-riżultati ta' dan il-kontroll doppju jissodisfaw l-kriterji ta' aċċettazzjoni.

   Għal kull wieħed minn dan il-kontroll, hemm żewġ pjani ta' teħid ta' kampjuni:

   — wieħed għal ittestjar mhux distruttiv, jiġifieri ttestjar li ma jinvolvix ftuħ tal-pakkett,

   — l-ieħor għal ittestjar distruttiv, jiġifieri ttestjar li jinvolvi ftuħ u distruzzjoni tal-pakkett,

   Għal raġunijiet prattiċi u ekonomiċi, it-test ta' l-aħħar għandu jkun limitat għall-minimu essenzjali assolut; huwa jkun inqas effettiv mit-test mhux distruttiv.

   Ittestjar distruttiv għandu għalhekk jintuża biss meta ttestjar mhux distruttiv ikun imprattikabbli. Bħala regola ġenerali dan ma għandux ikun applikat għal lottijiet ta' inqas minn 100 biċċa.

   2.1. **Lottijiet ta' pakkett għal-lest**

   2.1.1. Il-lott għandu jkun fih il-pakketti kollha għal-lest ta' l-istess kwantità nominali, l-istess tip u l-istess produzzjoni, ippakkjati fl-istess post, li jkun għad iridu jiġu spezzjonati. Id-daqs tal-lott għandu jkun limitat għall-ammonti stabbiliti hawn taħt.

   2.1.2. Meta pakketti għal-lest ikunu ċċekkjati fl-aħħar tal-linja ta' l-ippakkjar, l-għadd f'kull lott għandu jkun ugwali għall-produzzjoni massima li toħroġ kull siegħa mil-linja ta' ippakkjar, mingħajr ebda restrizzjoni dwar id-daqs tal-lott.

   F'każijiet oħra d-daqs tal-lott għandu jkun limitat għal 10 000.

   2.1.3. Għal lottijiet ta' inqas minn 100 pakkett għal-lest, it-test mhux distruttiv, fejn jitwettaq, għandu jkun 100 %.

   2.1.4. Qabel it-testijiet fi 2.2 u 2.3 jitwettqu, għadd suffiċjenti ta' pakketti għal-lest għandhom jittieħdu bl-addoċċ mil-lott biex il-kontroll li jkun jeħtieġ kampjun ikbar ikun jista' jitwettaq.

   Għall-kontroll l-ieħor, il-kampjun meħtieġ għandu jittieħed saltwarjament mill-ewwel kampjun u jkun immarkat.

   L-operazzjoni ta' l-immarkar għandha tkun kompluta qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet tal-kejl.

   2.2. **Kontroll tal-kontenut effettiv ta' pakkett għal-lest**

   Il-kontenut aċċettabbli minimu għandu jkun ikkalkulat billi jitnaqqas l-iżball negattiv ollerabbli mill-kontenuti konċernati mill-kwantità nominali tal-pakkett għal-lest.

▼**M1**

Pakketti għal-lest fil-lott li l-kontenut effettiv tagħhom jkunu inqas mill-kontenut aċċettabbli minimi għandhom ikunu kkunsidrati difettużi.

2.2.1. *Ittestjar mhux distruttiv*

Ittestjar mhux distruttiv jitwettaq skond il-pjan ta' kampjonar doppju kif muri fit-tabella t'hawn taħt:

L-ewwel għadd ta' pakketti għal-lest iċċekkjat għandu jkun ugwali għall-għadd ta' biċċiet fl-ewwel kampjun, kif indikat fil-pjan:

— jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel kampjun ikun inqas minn jew ugwali għall-ewwel kriterju ta' aċċettazzjoni, il-lott għandu jitqies aċċettabbli għall-iskop ta' dan il-kontroll,

— jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel kampjun ikun ugwali jew ikbar mill-ewwel kriterju ta' twarrib, il-lott għandu jkun imwarrab,

— jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel kampjun bejn l-ewwel kriterju ta' aċċettazzjoni u l-ewwel kriterju ta' twarrib, għandu jkun iċċekkjat it-tieni kampjonar, l-għadd ta' biċċiet li fihom huwa indikat fil-pjan.

Il-biċċiet difettużi misjuba fl-ewwel u t-tieni kampjuni għandhom jiżdiedu flimkien u:

— jekk l-għadd totali ta' biċċiet difettużi jkun inqas minn jew ugwali għat-tieni kriterju ta' aċċettazzjoni, il-lott għandu jitqies aċċettabbli għall-iskop ta' dan il-kontroll,

— jekk l-għadd totali ta' biċċiet difettużi jkun ikbar minn jew ugwali għat-tieni kriterju ta' twarrib, il-lott għandu jkun imwarrab,

Kampjuni	Għadd ta' biċċiet difettużi		Għadd f'lott		
	Ordni	Għadd	Għadd totali	Kriterju ta' aċċettazzjoni	Kriterju ta' twarrib
100 sa 500	l-ewwel	30	30	1	3
	it-tieni	30	60	4	5
501 sa 3,200	l-ewwel	50	50	2	5
	it-tieni	50	100	6	7
3,201 u fuqhom	l-ewwel	80	80	3	7
	it-tieni	80	160	8	9

2.2.2. *Ittestjar distruttiv*

Ittestjar distruttiv għandu jitwettaq bi qbil mal-pjan wieħed ta' teħid ta' kampjuni ta' hawn taħt u għandu jintuża biss għal lottijiet ta' 100 jew iktar.

L-għadd ta' pakketti għal-lest iċċekkjati għandu jkun ugwali għal 20.

— Jekk l-għadd ta' biċċiet difettużi misjuba fil-kampjun ikun inqas minn jew ugwali għall-ewwel kriterju ta' aċċettazzjoni, il-lott ta' pakketti għal-lest għandu jitqies bħala aċċettabbli.

— Jekk in-numru t'unitajiet difettużi misjub fil-kampjun huwa ugwali jew ikbar mill-kriterja tat-twarrib, il-grupp ta' pripakkeġġi jkun imwarrab.

Għadd f'lott	Għadd f'kampjun	Għadd ta' biċċiet difettużi	
		Kriterju ta' aċċettazzjoni	Kriterju ta' twarrib
Ikun xi jkun l-għadd (≥ 100)	20	1	2

▼B

2.3. **Verifika tal-medja tal-kontenuti attwali ta' l-imballaġġ minn qabel individwali li jagħmlu grupp**

2.3.1. Grupp ta' imballaġġ lest għandu jkun ikkunsidrat bħala aċċettabbli għall–għanijiet ta' din il-verifika jekk il-valur medju $\bar{x} = \frac{\sum x_i}{n}$ tal-kontenuti attwali xi ta' imballaġġ lest n f'kampjunhu ikbar mill-valur:

$$Q_n - \frac{s}{\sqrt{n}} \cdot t_{(1-\alpha)}$$

F'din il-formula:

Q_n = il-kwantità nominali ta' l-imballaġġ minn qabel,

n = in-numru ta' imballaġġ lest fil-kampjun għal din il-verifika,

s = id-devjazzjoni standard stmata tal-kontenuti attwali tal-grupp,

$t_{(1-\alpha)}$ = 0995 livell ta' kunfidenza ta' distribuzzjoni ta' Student b' v = n – 1 grad ta' libertà.

2.3.2. Jekk xi hija l-valur mkejjel għal kontenuti attwali ta' l-oġġett i fil-kampjun li jikkontjeni n oġġetti mela:

2.3.2.1. il-medja tal-valuri mkejla għall-kampjun jinkiseb permezz tal-kalkulazzjoni li ġejja:

$$\bar{x} = \frac{\sum_{i=1}^{i=n} x_i}{n}$$

2.3.2.2. u l-valur stmat tad-devjazzjoni standard s permezz tal-kalkulazzjoni li ġejja:

— l-għadd kwadrat tal-valuri mkejla:

$\sum_{i=1}^{i=n}(x_i)^2$

— il-kwadrat ta' l-għadd tal-valuri mkejla mkejla

$\left(\sum_{i=1}^{i=n} x_i\right)^2$ mbagħad

$\frac{1}{n}\left(\sum_{i=1}^{i=n} x_i\right)^2$

— l-għadd korreġġut:

$$SC = \sum_{i=1}^{i=n}(x_i)^2 - \frac{1}{n}\left(\sum_{i=1}^{i=n} x_i\right)^2$$

— il-varjanza stmata: $v = \frac{SC}{n-1}$

il-valur stmat tad-devjazzjoni standard hi:

$s = \sqrt{v}$

2.3.3. Kriterji għall-aċċettazzjoni jew rifjut tal-grupp ta' imballaġġ lest għal verifika tal-medja:

2.3.3.1. Kriterji għat-testjar mhux distruttiv

Numru fil-grupp	Numru fil-kampjun	Kriterji	
		Accettazzjoni	Rifjut
100 sa 500 (inkluż)	30	$\bar{x} \geq Q_n - 0{,}503s$	$\bar{x} < Q_n - 0{,}503s$
> 500	50	$\bar{x} \geq Q_n - 0{,}379s$	$\bar{x} < Q_n - 0{,}379s$

▼B

2.3.3.2. Kriterji għat-testjar distruttiv

Numru fil-grupp	Numru fil-kampjun	Kriterji	
		Accettazzjoni	Rifjut
Ikun li jkun in-numru (≥100)	20	$\bar{x} \geq Q_n - 0{,}640s$	$\bar{x} < Q_n - 0{,}640s$